



# Dikjarazzjoni dwar il-kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika hija sħubija li fiha jikkooperaw l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ta' kull Stat Membru tal-UE u pajjiż tal-EFTA. Flimkien, il-missjoni tagħna hija li nipprovdu informazzjoni statistika indipendenti u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u li nagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għal kulħadd għat-teħid tad-deċiżjonijiet, għar-riċerka u għad-dibattitu.

Il-programm u l-prijoritajiet tal-istatistika Ewropea huma diskussi u maqbula mill-membri tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESS) u l-aħħar deċiżjonijiet dwarhom jittieħdu b'mod demokratiku skont il-proċeduri leġislattivi Ewropej.

Aħna noperaw taħt reġim legali strett<sup>(1)</sup>, issupplimentat minn qafas ta' kwalità robust, awtoregulatorju u tal-ogħla livell, li s-sinsla tiegħu huwa l-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea<sup>(2)</sup>. Il-konformità tagħna mal-Kodiċi ta' Prattika hija vvalutata perjodikament permezz ta' mekkaniżmi ta' valutazzjoni u s-segwitu strett tal-azzjonijiet ta' titjib<sup>(3)</sup> identifikati.

Aħna naraw il-kwalità bħala l-bażi tal-vantaġġ kompetittiv tagħna f'dinja li qed tesperjenza xejra li qed tikber ta' informazzjoni immedjata li ta' spiss ma jkollhiex il-provi tal-kwalità meħtieġa. Ix-xogħol tagħna huwa rregolat mill-indipendenza professjonali, mit-trattament imparzjali tal-utenti kollha tagħna, mill-oġġettività, mill-affidabbiltà, mill-kunfidenzjalità tal-istatistika u mill-kosteffettività. L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika tagħna huma bbażati fuq metodoloġiji sodi, fuq l-aqwa standards internazzjonali u fuq proċeduri xierqa li huma dokumentati tajjeb u b'mod trasparenti. Il-prinċipji ta' kwalità tagħna huma: ir-rilevanza, il-preċiżjoni, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, kif ukoll il-komparabbiltà u l-koerenza.

Aħna dejjem infittxu li nnaqsu kemm jista' jkun il-piż fuq min iwieġeb, li nrawmu kooperazzjoni tajba mal-fornituri tad-dejta u li nikkooperaw mill-qrib mal-gruppi tal-partijiet interessati inklużi l-komunitajiet xjentifiċi.

Aħna impenjati li nwasslu l-eċċellenza fl-istatistika billi nidentifikaw b'mod sistematiku l-punti b'saħħithom u daww għajfa tagħna, kif ukoll ir-riskji relatati li aħna debitament inqisu permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-qafas ta' kwalità komuni tagħna. Bil-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-kumpilazzjoni kontinwi ta' indikaturi ġodda, aħna mhux biss intejbu l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi tagħna, iżda nippruwaw nantiċipaw ukoll il-fenomeni u l-ħtiġijiet emerġenti mal-utenti tagħna.

## Il-Kapijiet tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u d-Direttur Ġenerali tal-Eurostat

- (1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C:2016:202:FULL&from=EN> u Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/759: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02009R0223-20150608&from=EN>.
- (2) Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea: <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/5922289/10425-MT-MT.PDF> u Il-Qafas tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ESS: <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4392716/ESS-QAF-V1-2final.pdf/bbf5970c-1adf-46c8-afc3-58ce177a0646>.
- (3) L-ewwel u t-tieni ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-ESS: <http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/first-round-of-peer-reviews> u <http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/peer-reviews>.